MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 876/1995/2

**Paul u Alexandra sive Sandra konjugi Brincat**

**vs**

**Giuseppe u Dolores konjugi Chircop u stante l-mewt ta' Giuseppe Chircop fil-mori tal-kawza, b'digriet tat-13 ta' Mejju 1998 gew nominati kuraturi deputati Dr. Lennart Depasquale u Prokuratur Legali Paul Saliba sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-mejjet Giuseppe Chircop. B'digriet tal-Qorti tat-12 ta' April 1999 gew ezonerati l-kuraturi li kienu nominati u qed jassumu l-atti minflokhom l-eredi ta' Giuseppe Chircop li huma wliedu Raymond Chircop, Anna Mercieca, Carmen Saliba, Mary Cremona, Isabella sive Bella Schembri u Rocco Chircop sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-mejjet Giuseppe Chircop.**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fit-30 ta' Gunju, 1995, li fiha, wara li ppremettew:

1. Illi l-konvenuti ghandhom jaghtu lill-atturi s-somma ta' elfejn hames mija hamsa u disghin lira maltin [Lm2,595.00] bilanc ta' somma akbar dovut lill-atturi wara diversi avvanzi "*brevi manu"* ta' flus lill-konvenuti b'self;

2. Illi l-konvenuti gew interpellati jhallsu il-bilanc hawn fuq imsemmija dawn xorta baqghu inadempjenti;

L-atturi talbu li din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti ghandhom jaghtu lill-atturi s-somma ta' elfejn, hames mija u hamsa u disghin lira maltin [Lm2,595.00] bilanc ta' somma akbar dovut lill-atturi wara diversi avvanzi "*brevi manu*" ta flus lill-konvenuti b'self; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallasu lill-atturi s-somma bilancjali ta' elfejn hames mija hamsa u disghin lira maltin [Lm2,595.00] ghar-ragunijiet hawn fuq premessi;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti sal-jum tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha ippremettew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-konvenuti ma ssellfux flus minghand l-attrici u s-self li ghamlu, ghamluh minn ghand omm l-attrici, u inoltre, minhabba l-uzura, lanqas ma ghandha dritt tippretendi ebda bilanc minghand il-konvenuti;

2. B’riserva ta’ eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-13 ta’ Mejju, 1998, li bih gew nominati Dr. Lennart Depasquale u l-Prokuratur Legali Paul Saliba bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interess ta’ Giuseppe Chircop li miet fil-mori tal-kawza;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-12 ta’ April, 1999, li in forza tieghu gew ezonerati l-kuraturi li kienu nominati u dan wara li assumew l-atti minflokhom l-eredi ta’ Giuseppe Chircop li huma wliedu Raymond Chircop, Anna Mercieca, Carmen Saliba, Mary Cremona, Isabella sive Bella Schembri u Rocco Chircop sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-mejjet Giuseppe Chircop;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-5 ta’ April, 2001, li hatret bhala espert tekniku lis-Sur Joseph Gaffiero sabiex jistabilixxi jekk il-kitbiet li jidhru fid-dokumenti esebiti mill-attrici, inkitbux probabbilment f’daqqa, ossia, f’okkazzjoni wahda, jew inkella f’okkazzjonijiet differenti kif xehdet l-attrici;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tad-29 ta’ Novembru, 2001, li in forza tieghu, wara li l-espert tekniku, s-Sur Joseph Gaffiero, spjega li hu mhux intiz f’dak li jissejjah “*document analysis”*, l-imsemmi espert tekniku gie ezonerat mill-inkariku;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tas-6 ta’ Gunju, 2002 li bih, wara li semghet lil Dr. Anthony Abela Medici, li stqarr li ma huwiex possibli li jsir l-analizi kif mitlub mill-konvenuta, irrevokat “contrario imperio” id-digriet taghha tal-5 ta’ April, 2001, dwar il-hatra ta’ espert tekniku;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-Nota tal-Osservazzjonijiet tal-atturi;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza fejn l-atturi qed jitolbu rifuzjoni ta’ flus mislufa lill-konvenuta *brevi manu* f’diversi okkazzjonijiet. L-eccezzjoni tal-konvenuta hi fis-sens li hi qatt ma ssellfet flus minghand l-attrici, izda minghand ommha, u li, f’kull kaz, fis-somma mitluba hemm element ta’ uzura li hu projbit bil-ligi.

Mill-provi jirrizulta li, bhala regola, kienet omm l-attrici, Doris Muscat, li kienet tislef flus lil diversi nies, fosthom anke lil konvenuta Dolores Chircop, izda f’okkazzjoni minnhom, omm l-attrici ma setghetx tasal biex tislifha aktar flus u allura introduciet lill-konvenuta ma’ bintha l-attrici. L-attrici, u aktar zewgha, ghall-ewwel ma riedux jisilfu flus lill-konvenuta peress li dak kien “negozju” gdid ghalihom, u fuq kollox, riedu l-flus ghalihom ghax kienu qed jibnu. Eventwalment, peress li sa dak iz-zmien il-konvenuta kienet persuna affidabbli u minn negozju precedenti li kellha ma’ omm l-attrici kienet tidher mara tal-kelma, l-atturi waslu biex ghaddew lill-konvenuta s-somma ta’ Lm1436. Wara li silfu din is-somma, silfuha wkoll somma ohra ta’ Lm620 u ohra ta’ Lm160.

L-ewwel ammonti ta’ flus gew mislufa lill-konvenuta “ghan-negozju”. Il-konvenuta kienet tghidilhom li kienet timporta diversi affarijiet u riedet il-flus ghan-negozju, b’weghda li taqsam il-qliegh mal-atturi; skond l-attrici, il-konvenuta kienet tghidilha, “naqla’ sold jiena u taqla’ sold inti”. Il-qliegh kellu jkun ta’ madwar 30% jew 40%, izda, fil-fatt, mhux talli l-konvenuta ma hallset ebda qliegh lill-atturi, izda mill-kapital, ftit li xejn irritornat. Il-hlasijiet l-ohra ta’ Lm620 u Lm160 saru ghall-skopijiet ohra li ma kellhomx x’jaqsmu mas-suppost negozju tal-konvenuta. B’hekk, l-atturi jghidu li huma silfuha, b’kollox, is-somma ta’ Lm2216 u peress li l-konvenuta rrifondiet biss is-somma

ta' Lm405 (bi tlett pagamenti ta' Lm135-il wiehed), fadal bilanc ta' Lm1811, piu', l-imghaxijiet.

Din il-Qorti hi konvinta li, mill-provi prodotti, l-atturi rnexxielhom jippruvaw illi huma, fil-fatt, silfu din is-somma lill-konvenuta. Dan jirrizulta mhux biss mix-xhieda tal-istess atturi u omm l-attrici, izda wkoll mid-dokumenti esebiti, partikolarment il-*file* li resqet l-attrici li fih kienet izzomm notamenti tas-self. L-attrici xehdet li hi mhux soltu li tislef il-flus, anzi, li qatt qabel din l-okkazzjoni ma silfet flus lil xi hadd, u silfet il-flus lill-konvenuta ghax talbitha ommha u ghax kienet tidher mara li zzomm kelmtha. L-*istatement* li ressqu l-atturi huwa preciz u car dwar l-ammonti mislufa u ghalkemm il-konvenuta tghid li hi qatt ma ltaqghet jew tkellmet mal-atturi, mhux biss tinsab kontradetta bid-diposizzjoni ta' omm l-attrici, izda d-dokument SB1, li jinsab esebiti a fol 85 tal-process, hi skrittura li tixhed negozju dirett bejn il-konvenuta u l-atturi.

Hu ammess li l-flus, hafna minnhom, kienu fizikament jghaddu minn idejn omm l-attrici ghal idejn il-konvenuta, u dana peress li dawn it-tnejn kienu jiltaqghu regolarment fil-kumpless Holywood gewwa l-Hamrun, fejn kienu jilghabu t-tombla. Dan l-arrangament, pero', kien sehh ghall-konvenjenza u bl-ebda mod ma jwassal ghall-konkluzzjoni li s-self kien isir minn omm l-attrici. Kemm l-atturi kif ukoll omm l-attrici stess, jixhdu li dan is-self partikolari sar mill-atturi, u dan wara li omm l-attrici laqqghat lill-partijiet gewwa r-Rabat, u dwar dan din il-Qorti hija moralment konvinta li l-hlas fil-fatt sar mill-atturi li, allura, ghandhom dritt jitolbu rifusjoni.

Il-konvenuti jallegaw ukoll li fis-somma mitluba hemm element ta' uzura. Dan jidher li hu ammess, ghalkemm l-atturi jsostnu li l-ammont mizjud mal-kapital mhux imghax, izda percentagg mill-qliegh li l-konvenuta weghdet li ser tghaddilhom. L-atturi qed jissottomettu li kien hemm speci ta' assocjazzjoni bejniethom u l-konvenuta, fis-sens li l-atturi jiehdu bejn 30% u 40% tal-qliegh; x'jigri jekk ikun hemm telf ma tkellmux. Ma jirrizultax, fil-fatt, li kien hemm xi ftehim ta' assocjazzjoni fin-negozju, tant li l-atturi lanqas biss jafu f'hiex kien jikkonsisti ezatt in-negozju tal-

konvenuta. Fil-fatt, lanqas jirrizulta xi forma ta' negozju ezercitat mill-konvenuta, u l-fatt li din qalet lill-atturi li, b'rizultat tas-self, taqla' lira hi u jaqilghu lira huma, la jispjega n-negozju li kienet tiggestixxi u lanqas ifisser li l-atturi saru speci ta' shab mal-konvenuta. La ma jirrizultax, kwindi, li kien hemm xi forma ta' partecipazzjoni f'negozju, l-percentaggi ta' "qliegh" imsemmija mill-atturi ma jirrizultawx gustifikati. Ghall-istess raguni, l-imghax fuq il-kapital m'ghandux jghaddi *ipso iure* mas-self, izda biss wara interpellazzjoni, u peress li l-unika interpellazzjoni li tirrizulta hija c-citazzjoni, l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddisponi minn din il-kawza, billi previa li tichad l-ewwel eccezzjoni u tilqa' in parte t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-talba tal-atturi limitatament ghas-somma ta' elf tminn mija u hdax-il Lira Maltin (Lm1,811) bl-imghax legali ta' 8% mid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni, u cioe', mit-30 ta' Gunju, 1995, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkostanzi, u anke ghaliex id-dewmien f'din il-kawza huwa in gran parte attribwibbli lill-konvenuti, ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------